**L-Erbgħa 13 ta' April 2016**

P8_TA(2016)0118

# Ħatra proposta ta' membru tal-Qorti tal-Awdituri – Janusz Wojciechowski

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' April 2016 dwar il-ħatra proposta ta' Janusz Wojciechowski bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri (C8-0414/2015 – 2015/0817(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

(2018/C 058/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 286(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0414/2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0061/2016),

A. billi l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu evalwa l-kwalifiki tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 286(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

B. billi waqt il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Marzu 2016, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit sema' lill-kandidat propost mill-Kunsill għall-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

1. Jagħti opinjoni negattiva dwar il-proposta tal-Kunsill għall-ħatra ta' Janusz Wojciechowski bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet tal-verifika tal-Istati Membri.